**NAXXAR**

## MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

SEDUTA NRU. 25 – IL-ĦAMIS, 3 TA' NOVEMBRU 2016

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Maria Vella | Viċi *Chairperson* |
| | Alfrida Abela | Membru |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Joe Bonello | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

1.1. Il-minuti tal-laqgħa numru 24 kienu meqjusa moqrija.

1.2. Wara kunsiderazzjoni u wara proposta miċ-Chairperson u ssekondata mis-Sinj. Muscat, il-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

1.3. F'dan il-ħin wasal is-Sur Joe Bonello. Il-ħin kien il-17:03.

### 2. KOMUNIKAZZJONI MIĊ-CHAIRPERSON

2.1. Iċ-*Chairperson* talbet lill-Kunsill sabiex jibgħat lil xi ħadd mill-ħaddiema jinżel Baħar iċ-Ċagħaq jiġbor il-pallets sabiex jintużaw għall-presepju ħaj fl-attività tal-Milied Diċembru 2016.

2.2. Is-Sinj. Cuomo semmiet li nhar it-Tlieta l-1 ta' Novembru, l-iskipps ta' Triq il-Lampara tmexxew fuq in-naħa l-oħra tat-triq, faċċata tal-post li kienu.

2.3. F'dan il-ħin waslet is-Sinj. Maria Vella. Il-ħin kien il-17:10.

2.4. Il-Kumitat talab lill-Kunsill sabiex issir linja safra wara kull set ta' bring-in-sites u skips f'Baħar iċ-Ċagħaq. Dan sabiex jekk il-ħsieb huwa biex jipparkjaw minflokhom, ma jkunux jistgħu. Intalab ukoll li ssir tabella dwar l-użu tal-bring in site fi Triq il-Lampara.

2.5. Is-Sinj. Cuomo qalet li hemm blokka ġdida fi Triq ix-Xbiek kantuniera ma' Triq il-Lampara, li għandha bżonn l-immarkar ta' sinjali sofor mal-garaxxijiet. Dan sabiex innaqqsu mill-inkonvenjent li qegħdin jiltaqgħu magħha l-istess residenti minn ċerta sewwieqa.

2.6. Iċ-Chairperson infurmat li kien hemm titjib fit-tindif tat-toroq.

### 3. L-ATTIVITÀ TAL-MILIED

3.1. Is-Sinj. Cuomo talbet lill-Kunsill sabiex jagħmel ordni lil Supreme Coaches għall-ibbukkjar ta' *Open Top Bus* għall-prezz ta' €200 għall-attività tal-Milied li se ssir nhar il-Ġimgħa 16 ta' Diċembru 2016.

3.2. Il-ħin tal-attività hu maħsub li jkun bejn il-ħin tal-17:00hrs u s-19:00hrs.

3.3. Fl-ewwel siegħa se jkun hemm *fun tour* ma' Baħar iċ-Ċagħaq. Imbagħad se jiġi Santa Klaws (Clifford Galea) sabiex jagħti r-rigali mixtrija mill-ġenituri lit-tfal preżenti. L-għoti tar-rigali se jsir fi Ġnien Santa Marija tal-Anġli.

3.4. It-tfal għandhom ikunu akkumpanjati mill-ġenituri.

3.5. Is-Sinj. Cuomo resqet suġġeriment sabiex jiddiskutu ma' Fr Paul, l-idea li ssir ġabra għal xiri ta' rigali għall-inizjattiva Childrens Dreams tal-Appoġġ.

3.6. Is-SE talab lill-Kumitat jikkonsidra li l-attività ssir mingħajr l-għoti tar-rigali minħabba li tfal li l-ġenituri tagħhom ma jkunux jistgħu jaffordjaw rigali, jew rigali ta' ċertu valur, jistgħu jiġu awtomatikament eskulżi u jħossuhom żvantaġġjati.

3.7. Fuq proposta tas-Sinj. Vella l-Kumitat qabel li, fiċ-ċirkulari li se jitqassam mar-residenti ta' Baħar iċ-Ċagħaq, isir appell sabiex ikunu moderati fit-tip u l-valur tar-rigali.

## 4. FULJETT

4.1. Kien hemm qbil unanimu li l-fuljett għandu jinkludi avviż dwar l-attività tal-Milied li se ssir f'Diċembru 2016; tfakkira lir-residenti dwar il-programm tal-ġbir tal-iskart; tfakkira lir-residenti li darba fix-xahar tiġi organizzatha ħarġa kulturali u avviż ieħor dwar il-ftuħ ta' klassi ġdida Circuit Training.

4.2. Il-Kumitat talab biex possibilment il-fuljett jitqassam mill-aktar fis possibli.

## 5. IL-PARKEĠĠ TA' XATT IL-PALM

5.1. Iċ-*Chairperson* talbet lis-SE sabiex jikteb lill-Prim Ministru dwar il-parkeġġ ta' Triq Xatt il-Palm. Dan għaliex jinsab fi stat ta' abbandun u TM ma kinux qed jagħtu widen lill-Kumitat.

5.2. Hija tkellmet diversi drabi mal-perit Rodney tat-TM iżda sal-lum il-ġurnata, baqa' ma kien hemm l-ebda żviluppi konkreti.

5.3. Iċ-*Chairperson* talbet ukoll li ssir spezzjoni f'Baħar iċ-Ċagħaq sabiex ikun magħruf aħjar x'hemm bżonn ta' immarkar ta' sinjali tat-traffiku sabiex intaffu mill-inkonvenjenza li qegħdin iħabbtu magħha ċerta residenti.

5.4. Is-SE informa li f'dan il-perjodu l-ħaddiema tal-Kunsill ikunu impenjati wisq bix-xogħol relatat mal-Milied u għalhekk din il-ħaġa ma setgħetx issir b'mod immedjat.

## 6. ĦARĠA KULTURALI U SOĊJALI

6.1. Is-Sinj. Muscat qalet li għax-xahar ta' Novembru 2016 (fil-15), hija se torganizza żjara għall-mużew ta' Wigna Court fir-Rabat u l-katidral fl-Imdina.

6.2. Is-Sinj. Cuomo esprimiet is-sodisfazzjon tagħha għall-konkorrenza tajba li qiegħed ikun hemm għal dawn il-ħarġiet u rringrazzjat lis-Sinj. Muscat.

## 7. ATTIVITAJIET SPORTIVI

7.1. Is-Sinj. Vella talbet lill-Kunsill sabiex jagħmel talba lil Fr Paul Attard biex javża dwar il-ftuħ ta' klassi ġdida *Circuit Training* li se tibda l-Ħamis 24 ta' Novembru 2016 bejn is-19:30 u t-20:30.

7.2. Barra minn hekk, il-Kunsill ġie mitlub jagħmel l-avviż fuq in-*Notice Board*.

## 8. ĦWEJJEĠ OĦRA

8.1. Is-Sinj. Abela qalet li hemm bżonn niktbu lit-TM fejn ninfurmawhom li l-karozza bin-nr 13 mhix qiegħda tieqaf u trikkeb fuq l-istage tad-daħla ta' Baħar iċ-Ċagħaq.

8.2. Barra minn hekk hija talbet sabiex jiġu nstallati bus shelters għall-istages tad-daħla ta' Baħar iċ-Ċagħaq u għal dik li tinsab fuq in-naħa ta' Splash & Fun.

8.3. F'dan id-dawl il-Kunsill se jikteb lil Kevin Zahra tat-TM sabiex fuq l-iskeda ta' dawn l-istages tkun murija l-karozza numru 13 u sabiex possibilment jiġu nstallati l-bus shelters.

8.4. Is-Sinj. Muscat semmiet l-email li hija bgħatet lil Ministru Deborah Schembri dwar l-użu li qiegħed isir mill-art tal-iscouts.

8.5. Is-Sinj. Cuomo semmiet li l-*bring-in-site* tal-ħġieġ fi Triq Santa Klara huwa mimli.

## 9. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISS

9.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 6 ta' Diċembru, 2016 għal-17:00hrs.

9.2. Il-laqgħa ntemmet fis-19:00hrs.

| | |
|---|---|
| *(Iffirmati)* | *(Iffirmati)* |
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |